Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

Data tal-laqgħa: 15 ta' April 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Annalise Galea – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

Il-laqgħa ma xxandrietx *live* fuq l-*internet* u lanqas ġiet rekordjata peress li kien hemm ħsara fl-*internet*.

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.10pm.

# 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

# 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 10. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

11.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

# 11.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

11.3.1 Para 10.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-*electrician* għadda l-*wiring* mill-bandli għal mas-siġar u l-ġimgħa d-dieħla għandu jikri high-up biex jinstalla r-rifletturi.

11.3.2 Para 10.3.2 - *Framework Agreement – Public Works*
*Public Works* infurmawna li l-applikazzjoni biex isir *patching* (*hot asphalt)* ta' parti minn Triq Santa Marija għadha qed tiġi riveduta mill-Bord.

11.3.3 Para 10.3.4 - *Speed tables*
Is-Sindku infurma li fl-2021, il-KL ta' Ħ'Attard ħallsu kważi €2.5K biex installaw *speed table*. Il-kwotazzjoni li ġibna riċenti tammonta għal €6,430.06c. Ġie rrimarkat li hemm madwar 7 – 8 postijiet fejn hemm bżonn li tiġi installata *speed table,* u l-ispiża mhix affordabbli. Kien hemm qbil li nsibu persuna intiża fuq kontroll tat-traffiku, biex tissuġġerilna alternattivi affordabbli biex nikkontrollaw l-i*speed* f'numru ta' toroq fil-lokalità.

11.3.4 Para 10.3.5 - Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur
Il-Perit Graziella Galea (IM) infurmat li qed tistenna data mingħand il-kuntrattur ta' meta se jagħmlu *re-instatement* temporanju bil-konkos.

11.3.5.1 Para 10.3.7 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)
Ġiet innotata r-risposta ta' TM fejn qalu li fl-opinjoni tagħhom m'għandux jinħela spazju prezzjuż għall-parkeġġ u għalhekk għandu jsir *MC Bay* jekk tidħol fl-ispazju bejn il-garaxxijiet.

11.3.5.2 Is-SE infurmat li l-amministratur qed jerġa' jitlob laqgħa fuq il-post. Is-SE spjegat li diġà saru laqgħat fuq il-post. Is-Sindku se jitkellem mal-amministratur biex jifhem eżatt it-talba tiegħu.

11.3.6 Para 10.4.7 - Talba għal *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira
Is-Sindku infurma li kważi l-firem tal-petizzjoni kollha ma kinux minn Ħal Balzan u miż-żona fejn qed tiġi mitluba l-i*sleeping policeman,* għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

**F'dan il-ħin (4.20pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

11.3.7 Para 10.11.2 - Bankina fi Triq Antonio Bosio
Is-SE infurmat li tabella tar-*reserved* hemm u qiegħda nstallata fuq ġewwa tal-bankina. Ġie ssuġġerita li nressqu t-tabella fit-tarf tal-bankina u r-resident il-*wheelchair* mal-arblu tat-tabella (fir-*reserved parking bay* stess). Se nikkonfermaw mar-resident jekk jaħdimx b'dan il-mod. Jekk l-arblu tat-tabella mhix tajba, noffru li nwaħħlu *bollard* miż-żgħar (oranġjo).

# 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.4.1 <u>Triq il-Kbira</u>

Is-Sindku semma l-istat tat-triq, speċjalment il-parti minn k/m Triq San Valentin sal-Knisja, li tinsab fi stat ħażin ħafna. Peress li kien hemm dak id-dewmien, is-Sindku ssuġġerixxa li ninfurmaw lill-IM biex jekk jistgħu għalissa imqar jagħmlu *hot patching* ta' din il-parti tat-triq. Se niċċekkjaw mal-Perit tal-Kunsill kemm tiġi tiswa li kieku ssir min-naħa tal-Kunsill.

11.4.2 <u>Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana</u>

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq l-aħħar laqgħa tar-Reġjun. Numru ta' punti ġew diskussi, fosthom:

- Is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' skart - Il-problema primarja li għandna fil-lokalità hija li qed jibda l-ġabra kmieni ħafna. Bħala Reġjun kitbu lid-DG tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex jinfurawh bin-nuqqasijiet kollha (tal-lokalitajiet li jiffurmaw parti mir-Reġjun Tramuntana).
- *iBiNs Collaboration Agreement* - Is-Sindku infurma li għad m'hemmx risposta dwar din is-sitwazzjoni. Se jsir kuntatt mas-Sindku tan-Naxxar, għax prattikament, Ħal Balzan u n-Naxxar għandna din is-sitwazzjoni, biex nieħdu pożizzjoni komuni. Il-lokalitajiet l-oħra, jew għandhom *Agreement* mal-kumpanija l-oħra, jew l-*agreement* mal-Greenpak għadu ma skadiex.
- Fl-AGM ġie mħabbar li se jniedi fond kulturali. Se jinfurmaw bid-dettalji aktar il'quddiem.
- *European Week of Regions* fi Brussel (13 – 15 ta' Ottubru 2025) – Ir-Reġjun se jiffinanzja t-titjira u l-akkomodazzjoni ta' żewġ delegati minn kull Kunsill. Is-Sindku se jkun wieħed mid-delegati.

11.4.3 <u>*Forum of Mayors' meeting* (Geneva, 6-7 October 2025*)*</u>

Is-Sindku infurma li hemm stedina għas-Sindku biex jattendi l-*Forum of Mayors* f'Geneva. Is-Sindku ma jistax jattendi. F'każ li l-Viċi Sindku ma jistax, jattendi xi ħadd mill-Kunsilliera.

11.4.4 <u>*Ex-Dolphin Centre*</u>

Is-Sindku infurma li l-Perit tal-Kunsill ta l-parir li l-Kunsill jappella għad-deċiżjoni, biex isir passaġġ pedonali pubbliku ġewwa l-kumpless. Il-Kunsill approva.

11.4.5 <u>Preżentazzjoni ta' kotba – Skola Primarja Lija / Balzan / Iklin</u>

Il-Kap tal-iskola stieden membru tal-Kunsill biex fid-9 ta' Mejju 2025 fid-9am, ikun preżenti waqt il-premjazzjoni lill-istudenti tal-5 u s-6 sena. Il-Kunsillier ONDG ser jattendi f'isem il-Kunsill.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u jiġu diskussi *items* 11.6 u 11.7 peress li l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 11.6 Aġġustamenti proposti mill-Awdituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2024

11.6.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2024 kif emendat wara li sar l-*audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta spjegazzjoni fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

11.6.2 Is-Sindku talab lill-*accountant* biex għal laqgħa li jmiss iħejji rapport biex nikkomparaw l-Allokazzjoni maż-żieda fl-ispejjeż ta' dawn l-aħħar sentejn.

11.6.3 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

11.7.1 <u>Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2025</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Marzu 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

11.7.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku - Kontinwazzjoni

11.4.6 <u>*Football Tournament*</u>

Qed jiġi organizzat *football tournament,* bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Żgħażagħ. Din l-attività se ssir nhar il-Ħadd 27 ta' April 2025 fil-grawnd ta' *Sports Malta* f'Santa Venera.

## 11.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 11.8 Vakanza ta' *Administration Officer* II (Skala 10)

11.8.1 Id-DGL infurmawna li t-talba biex nestendu l-impjieg ta' Mariella Casha b'sena, ġiet approvata mis-Segretarju Permanenti u għaddewha lill-OPM għall-approvazzjoni.

## 11.9 Jum Ħal Balzan 2025

11.9.1.1 Il-Kunsill qabel li din is-sena, Jum Ħal Balzan jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru filgħaxija u l-Ħadd 26 ta' Ottubru ssir il-Quddies ta' Ringrazzjament. Se nitolbu lir-Reġjun Tramuntana biex jibgħatilna d-dettalji tal-Fond Kulturali.

11.9.1.2 Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier MLB se jilħqu jibdew jaħdmu fuq l-attività, biex fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss il-programm.

11.9.2.1 <u>Ġieħ Ħal Balzan</u>
Il-Kunsill iddiskuta r-regolamenti preżenti għal Premju Ġieħ Ħal Balzan, li daħlu fis-seħħ f'Mejju 2016. Kien hemm qbil li jsiru xi emendi kif ġej:

- Il-Kategoriji Nazzjonali u Internazzjonali jingħaqdu f'Kategorija waħda;
- Titneħħa r-regola li l-persuna trid tkun residenti f'Ħal Balzan fil-Kategorija Lokali;
- Jista' jingħata ġieħ fi tliet (3) kategoriji;
- Kull sena ma jingħatawx aktar minn tliet (3) premji; u
- Jistgħu jingħataw ukoll xi rikonoxximenti jew merti, fid-diskrezzjoni tal-Kunsill.

11.9.2.2 In-nominazzjonijiet (bir-regolamenti l-ġodda) se jkunu miftuħa minn nofs Mejju sa nofs Ġunju. Bħas-sena l-oħra, in-nominazzjonijiet se jinfetħu għall-pubbliku wkoll.

## 11.10 *iBiNs Collaboration Agreement*

11.10.1 Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*item* 11.4.2.

## 11.11 Skemi Finanzjarji

11.11.1.1 <u>SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/02/2025 li tinkludi d-dettalji tal-attività ta' Jum San Valentinu, li qed tiġi ppjanata li ssir nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar 2026. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

11.11.1.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

11.11.2 <u>SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/03/2025. Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni.

## 11.12 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

11.12.1 <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>
Is-Sindku infurma li mat-tifla tal-mibki Gabriel Caruana. L-idea li jsir mafkar li jikkommemora lill-artist, flimkien mal-post magħżul ingħoġbu. Il-familjari qed jipproponu li jiġi riprodott disinn oriġinali. Il-Kunsill ma jsibx

oġġezzjoni. Offriet ukoll li, tramite l-Gabriel Caruana Foundation, jgħinu lill-Kunsill jikseb fondi mill-Arts Council Malta.

11.12.2 Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech
Ġiet innotata kwotazzjoni li rċivejna mingħand wieħed mill-artisti. Se nistennew aktar kwotazzjonijiet biex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 11.13 Servizzi offruti mill-Kunsill

11.13.1 Ġie diskuss is-servizz tal-*Bulky Refuse* offrut mill-kuntrattur li kien rebaħ it-*tender*. Ġie rrimarkat li qed ikun hemm numru ta' ilmenti kull ġimgħa, fejn qed jinħarġu diversi *default notices*, li l-kuntrattur qed jinjora.

11.13.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel se niċċekkjaw il-kuntratt biex naraw x'miżuri nistgħu nieħdu apparti li jinħarġu *default notices*. F'każ li m'hemmx miżuri, nibgħatu ittra ta' twissija.

## 11.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

11.14.1 Disponiment ta' Assi tal-Kunsill
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista annessa (Dok 1).

11.14.2 Talba biex jitwaħħal *dog bin* fi Triq il-Qarċilla k/m Triq San Franġisk
Resident qed jitlob li jitwaħħal *dog bin* fit-*traffic island* il-ġdida. Il-Kunsill approva.

11.14.3.1 Talba miċ-Ċentru Żgħażagħ Balzan
Ċentru Żgħażagħ Balzan qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jitħallsu spejjeż ta' *high-up* li jintuża biex jarma t-toroq għall-festa. Qal li bħalma l-Kunsill jgħin lill-Każini billi jħallas l-ispejjeż tal-*fire engine,* ikun xieraq li jgħin lilhom ukoll għax bil-kontribut tagħhom aktar familji Balzanin qed ikunu involuti.

11.14.3.2 Il-Kunsill iddiskuta. Ġie rrimarkat li l-Kunsill ma jistax joħloq preċedent li jħallas għall-armar tal-festa għax fil-lokal hawn tliet (3) għaqdiet li jarmaw għall-festa. Għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

11.14.4 Ħarġa ta' Mejju
Il-Kunsillier MLB infurmat li peress li l-ħarġa ta' Mejju mhix se ssir, il-Kappillan staqsa jekk jistax juża t-trasport għall-ħarġa li se ssir min-naħa tagħhom. Din it-talba ma ġietx approvata għax il-Kunsill ma jistax iħallas spejjeż ta' attivitajiet li mhumiex tal-Kunsill.

11.14.5.1 Triq Birbal k/m Triq San Franġisk
Residenta qed tissuġġerixxi li jsiru 2 *road humps* fi Triq Birbal (waħda f'kull naħa ta' Triq San Franġisk) għax spiss qed ikun hemm inċidenti tat-traffiku fil-*cross road* speċjalment meta jkun hemm *minibuses* ipparkjati fil-kantuniera.

11.14.5.2 Il-Kunsill irrimarka li *road humps* se joħolqu problema ta' stobju minħabba l-volum kbir ta' traffiku li jgħaddi minn Triq Birbal. Se napplikaw biex inwaħħlu tabelli *'Accident Black Spot'* fiż-żona.

11.14.6.1 Parkeġġ ta' muturi fi Triq San Valentinu u Triq Sisner
Resident qed jilmenta peress li qed jipparkjaw muturi f'parkeġġi ta' karozzi (biex jirriżervaw il-*parking*) minflok f'parkeġġi tal-muturi. Għalhekk, qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel kampanja edukattiva u nitolbu lill-pulizija biex isir infurzar.

11.14.6.2 Ġie rrimarkat li l-awtoritajiet ma jistgħux jinfurzaw għax m'hemmx ksur ta' liġi. Wisq inqas ma tagħmilx sens li l-Kunsill iħeġġeġ lis-sewwieqa biex ma jagħmlux xi ħaġa li hija kompletament legali.

## 11.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.15.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/25, li tinkludi l-ammont ta' €63.67c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2025.

11.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier MLB li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 11.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm.

11.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

DOK 1

Ħal Balzan Local Council

| List of Council Assets to be disposed of as Approved at Council Meeting No. 11 of 15th April 2025 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Description** | **Description** | **Condition / Remarks** | **Date Purchased** | **Purchase Price** |
| | | | | |
| UPS 004 (CMP00008) | 1 UPS (Executive Secretary) | Damaged. | 03/08/2018 | €123.90 |
| URB00133 | Springer Parts – Red Horse Plastic Mold | Damaged. Replaced by new one. | 02/08/2023 | €265.50 |

**SIGNED**

____________________

Dr Angelo Micallef
Mayor

**SIGNED**

____________________

Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 15th April 2025

Ħal Balzan Local Council
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
☎ 21442323 ✉ balzan.lc@gov.mt